lill-Maltin t'hemm sura ta' identità nazzjonali fost għadd kbir ta' gruppi etniċi oħrajn.

Fuq dik l-inizjattiva mbagħad inħolqu għadd ta' gruppu mużikali popolari Maltin madwar l-Awstralja kull fejn joqogħdu l-Maltin u wkoll bis-saħħa ta' 'Bejn il-Ħbieb', ħadet spinta aktar ħarkiena l-għana Maltija li għadha sejra sa llum. Però snin qabel ma ħriġna bl-eww-el kanzunetta Maltija jiena u Joe Galea, l-għana kienet ilha li qabdet l-art fost il-Maltin speċjalment f'xi xalata, xi festa u hekk.

*Ix-xandir huwa għal qabel ferm. Għal ħafna snin inti ħdimt fuq l-SBS (Special Broadcasting Services – servizz nazzjonali madwar l-Awstralja kollha apposta għall-udjenzi etniċi) fejn ipproduċejt sensiela ta' programmi letterarji u lingwistiċi dwar il-Malti ngħidu aħna Mill-Benniena tal-Lingwa Maltija, Ġrajjiet il-Lingwa Maltija mill-Bidu Nett, Il-Qawwa tal-Kelma (kummentarji fuq il-poeżija Maltija tal-Awstralja li fi żmienha kienet ħarkiena mhux ftit), Tagħrif dwar individwi Maltin u Barranin li kitbu xi ħaġa ta' siwi fuq il-Malti, u L-Idjoma Maltija u programmi oħrajn ukoll dwar postijiet f'Malta mhux daqstant magħrufin bħal Filfla, Kemmuna, Il-Maqluba, Il-Gżira ta' Barba Marku u oħrajn.*

Iva Omar għaddejt disa' snin partajm fix-xandir radjufoniku mal-SBS (Special Broadcasting Services). Sintendi kelli nitħarreġ f'numru ta' korsijiet fil-ġurnaliżmu u fix-xandir, inkella m'għandekx ċans hawnhekk. U ma jkollokx it-tekniku miegħek taf waqt li tkun għaddej b'xi programm kif jagħmlu Malta! L-impenn tiegħi f'dan il-mistier kien l-aktar fuq materjal aktarx serju, f'oqsma ta' kultura għolja. Hekk tellajt diversi programmi fuq il-Malti; dawn kienu jappartienu l-lingwa, il-letteratura, storja u żvilupp tal-lingwa, filosofija, mużika klassika u mużiċisti l-aktar Maltin, storja ta' Malta, suġġetti ta' interess soċjali u hekk. Iżda barra x-xandir minn fuq ir-radju nazzjonali għamilt żmien mhux ħażin ukoll inxandar fuq il-programm tal-Maltese Community Council ta' New South Wales kif ukoll żewġ stazzjonijiet radjufoniċi privati fejn kont liberu nikkummenta fuq ħwejjeġ ta' kuxjenza fejn kien jidhirli li l-poplu aktarx kellu bżonn min jiċċaralu xi aspetti tal-ħajja li forsi ma jkunx fehem sewwa. Hemmhekk kont infaqqahlu jien; bla biża'! Anzi spiss kont nistenna li se jidħlu fuqi waqt xi xandira biex jarrestawni. Ngħidu aħna fi żmien il-gwerra tal-Iraq meta l-Amerka invadiet u kissret u ħolqot straġi f'dak il-pajjiż, ma qagħadtx lura biex nikxef l-agħwar u l-faċċoliżmu tal-West. Mhux il-kommunisti biss jiżirgħu il-hjiena mad-dinja! Tkellimt ukoll fost oħrajn, fuq id-drittijiet tan-nisa (mhux tan-nisa kesħin li ma jafux x'inhuma jgħidu imma ta' dawk in-nisa, ħassieba ġenwini li huma sinċieri fil-femminiżmu tagħhom; dawk li jimxu fuq il-filosofija sofistikata ta' Simone De Beauvoir mhux dawk li jsegwu l-krudità ta' xi Germaine Greer jew Hélène Cixous!). Tkellimt u ktibt ukoll fuq suġġetti jaħarqu bħal l-abort tal-konvenjenza, il-pedofelija fi ħdan il-Knisja tagħna waqt li ma ħallejtx barra l-folji l-oħrajn ta' din il-ġrajja aborrenti li kull reliġjon li hawn fid-dinja kellha minn dawn l-individwi soċjopati. Dik il-ħabta kienet għaddiet mewġa kerha u qawwija fl-Awstralja fejn kien l-aktar ovvju li fostna għandna ċerti gruppi fis-soċjetà li riedu, bis-sewwa jew bid-dnewwa, jeqirdu l-Knisja Kattolika minn wiċċ id-dinja. Nispjega ruħi: jiena miniex xi apoloġetiku għall-Knisja Kattolika imma miniex ser nibqa' sieket fejn nilmaħ l-inġustizzja. Anka f'ġurnali popolari ġo Malta kont ktibt artiklu twil u dettaljat fuq dan is-suġġett u anka intervistajt lill-Arċisqof Charles Scicluna. Dan għaliex jidhirli li f'pajjiż bħal Malta li tradizzjonalment dejjem saħaq fuq il-Kttoliċiżmu tiegħu, il-fidili ta' din il-fidi għandhom iddritt sagrosant li jkunu miżmuma aġġornati fi ħwejjeġ li jolqtu lill-kuxjenza tagħhom b'mod hekk profond. Mhijiex kustjoni ta' anti-klerikaliżmu! Tkellimt ukoll u bla ħabi fuq il-kas tal-Kardinal Pell ta' Sydney! Ukoll snin ilu meta kont għadni daqsxejn ta' ferħ fil-bidu tal-karriera tiegħi ta' ħassieb u kittieb tal-kuxjenża, ktibt lid-Duka ta' Edinburgh, il-Princep Philip, biex juża l-influwenza tiegħu għat-twaqqif tal-ibbumbardjamenti fuq il-gżira Maltija ta' Filfla. Kien weġibni l-ajjutant tiegħu, ċertu wieħed Bonham Carter fejn, fi ftit versi kien ħasel idejh filli qalli f'isem id-Duka li dik il-kustjoni kienet barra l-kompitu tiegħu. U jien bir-rabja qattajt l-ittra. Kieku żammejtha kont nippublikaha illum jaħasra.

*Bil-pinna tiegħek jekk tippermettili nsejjaħlek hekk, narak ukoll attivist soċjali. Mhux l-ewwel darba li tibgħat xi ittra f'xi gazzetta, jew radju u ssemma' leħnek dwar xi tema. Anke permezz tal-poeżija. Ngħidu aħna din li ġejja, minn Aporija, dwar it-tema tal-abort:*

*F'poeżija kontra Taf mamma l 'għadni ċkejkna, bla ħila u bla jedd. 'mma stenna ftit xhur oħra, tara xi xbieha nxedd.*

*Kemm hu importanti li l-artist, il-poeta, jwassal leħnu permezz ta' kitbietu?*

Biex nirrispondik akar fid-dettal għal din il-mistoqsija li tkompli ma' ta' qabilha, hija l-fehma soda tiegħi li kull kittieb serju li jidħol għall-kritika soċjali u mhux b'kapriċċ, iżda biex jemiljora, jirranġa, jiddritta, jiċċara u jnaddaf il-ħsieb ta' min ikun, jiżbalja bl-ikrah jekk inhuwa jibqa' sieket fejn, skond il-kompitu tiegħu għandu jitkellem! Il-ħabib tiegħi u ta' bosta Maltin Oliver Friggieri li f'mewtu ħallielna wirt għani ta' filosofija għaqlija, kien jaf tajjeb b'dan il-prinċipju tiegħi li hu stess kien jippriedkah. Iżda meta jiena kkonfutajtu (kif kien spiss iħeġġiġna l-istudenti naghmlu) fuq il-kustjoni taħraq tal-Att Parlamentari li ħoloq il-Kunsill Nazzjonali tal-Lingwa Maltija b'dik il-klawsola li tatu d-dritt assolut fuq il-lingwa tal-poplu, jiddispjaċini ngħid li r-risposta tal-Professur Oliver Friggieri kienet "Is-skiet risposta Rigu". U jien weġibtu "Le Oliver. Hawnhekk ma naqblux. Is-skiet tiegħek partikolari, fil-pużizzjoni tiegħek ta' eks-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, wasalt biex tirtira, għandek fama li ħadd m'hu se jissogra jmerik u fuq kollox, min jista' għalik? Is-skiet tiegħek huwa ċedija!" Fil-ħin tani daqqa t'għajn mbergħna u wieġeb "Mhux aħjar naqilbu l-folja Rig?" U bqajt b'hekk. Jien li kelli u għadni ngħożż l-akbar rispett għalih, għalkemm fuq dal-kas iddispjaċut u infiskat, bdilt issuġġett u m'erġajt qatt qajjimt dil-kustjoni miegħu. Ħadtha bi kbira mhux ftit il-għaliex, avolja bqajt u għadni u nibqa' nħobbu, ma stennejtx dak li jiena rajt bħala ċedija minn għand ħassieb ewlieni tan-nazzjon Malti. Fuq kollox lilna l-istudenti kien ripetutament iħeġġiġna u jinkoraġġina biex ma nitlajjawx fuq iċ-ċint f'wiċċ l-imgħawweġ. U talli żamm is-skiet spiċċaw tawh dik il-Midalja tad-Deheb! Meta kont qed nistudja l-Letteratura Avvanzata Taljana l-Università ta' Sydney fis-sebgħinijiet, taħt il-Professur Ingliż minn Yorkshire Frederick May – bniedem li fejn jidħlu l-lingwa u l-kultura għoljin Taljani kien kull fejn tmisslu jdoqq – dan kellu ħafna mill-fehmiet u l-prinċipji ta' Oliver avolja kien kommunista magħruf fiċ-ċrieki intellettwali Awstraljani. Ma kienx ikun hemm xi protesta soċjali taħraq li ma kontx tarah fuq quddiem nett imexxi folla numeruża fit-toroq ewlenija ta' Sydney biex isemmgħu leħinhom. Bħalu wkoll fiż-żmien kien l-intellettwali filosfu Ingliż ukoll, Bertrand Russell fl-Ingilterra, fi żmien il-protesti kontra l-armi nukleari! Dawn ma beżgħux juru fehmiethom fil-beraħ li għall-azzjonijiet tagħhom sfaw arrestati!

Biex ma ntawwalx iżjed Omar, hija l-fehma konvinta tiegħi li kull kittieb ħassieb li jimpenja ruħu bħala kritiku soċjali, permezz tal-prinċipji li jkun qed jippromwovi huwa nnifsu, ikun jorbot lilu nnifsu b'kuntratt mal-kuxjenza tiegħu li fejn jara (u jifhem) l-imgħawweġ, il-ħażen, il-qerq, huwa għandu juża l-pinna tiegħu f'kwalunkwe ġeneru letterarju li jindaga fih sabiex itejjeb il-qagħda soċjali.

*Wasalna fi tmiem ta' din l-Intervista imma ma nistgħux ma nsemmux lil persuna li għalik tant kien għal qalbek, ktibtli dwaru, u minnaħa tiegħu semmiek kemm-il darba; qed ngħid għall-Professur Oliver Friggieri. Xtaqt kelma mingħandek dwar dan il-persuna, li bosta ddeskrivewh bħala ġgant, oħrajn bħala umli fl-istess ħin, aħna l-awturi lkoll nafu bl-appoġġ kbir li kien jagħtina.*

Quod scripsi scripsi! Kull min jaqra l-gażżetti Maltin tal-Ħdud sija tal-Malti u sew tal-Ingliż jaf ben tajjeb xi ktibt jien fuq Friggieri. Tant hu hekk li kien hemm min bagħtli xi messaġġ minn Malta fejn urewni kemm tabilħaqq apprezzaw dak li ħareġ minn qalbi, minn moħħi u eventwalment minn fommi dwaru. B'hekk jiena nifhem li ma kontx inkun ġenwin f'dik il-kitba tiegħi li kieku bqajt nissaporti ġo fija bla ma nistqarr dak li għadni kemm tennejt hawn fuq. Hemm qawl Malti li jgħid "L-ikbar żball tal-għaref!" – U nagħlaq b'din l-ispjega. Mis-sema 'l isfel (ibda l-ewwel wieħed minni) aħna lkoll bnedmin mhux allat. La darba aħna tad-demm u l-laħam u b'hekk sfortunatament mgħobbijin minn twelidna bl-istint annimalesk bħala parti intrinsika min-natura umana tagħna, bi ftit tal-koltivazzjoni attenta u mrażżna nistgħu meta jinħtiġilna, nipprattikaw id-dixxiplina tal-intellett li lkoll kemm aħna jinsab imnaqqax f'kull wieħed minna. Li kieku fis-sistemi kollha edukazzjonli ta' madwar id-dinja, it-tfal jintgħallmu kif jeżerċitaw dan il-prinċipju, din id-dixxiplina mentali, kieku la jkollna gwerer, la faqar, la hjiena (atti kriminali) u jirrenja fost l-umanità is-sliem li tant jidher imbiegħed!

*Naf li Roderick Bogingdon qatt ma jieqaf. Xi proġetti għandek għall-futur.*

It-tweġiba sħiħa għal dil-mistoqsija tinsab dettaljata fil-ġabra ta' ħsibijieti skond ma stqarrejt hawn. Insellem lilek u lill-qarrejja kollha tal-ġurnal It-Torċa!